# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru: 531/15 DMA**

**St' Edward's College**

**Vs**

**Mr Abdurazaq Khalifa**
**(Passport Number 573699)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2015 fejn il-kullegg attur talab illi l-intimat huwa debitur tal-Kollegg rikorrenti fl-ammont ta' elf sitt mija u sitta u tmenin ewro (€1,686.00) rapprezentanti tution fees u servizzi relatati ghat-tieni terminu tas-sena skolastika liema terminu beda jiddekorri mill-hmistax (15) ta; Dicembru, 2014. Illi ghal kull buon fini qed jinghad illi lill-intimat kienet inhargitlu ricevuta (liema ricevuta hija hawn anness u mmarkata bhala Dok 'Sec 1') ghall-ammont ta' elf sitt mija u

sitta u tmenin ewro (€1,686.00) bi zball u mhux ghaliex sari l-hlas u ghalhekk ir-rikorrenti qed tinsisti ghall-hlas tal-ammont surreferit.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluz permezz ta' ittra datata d-disgha (9) ta' Marzu, 2015 u talba sabiex isir arbitragg tenut in natura tat-talba, l-intimat baqa' inadempjanti u sahansitra qed jirrifjuta jhallas.

Ghaldaqstant, salv kwalunkwe dikjarazzjoni ulterjuri, il-Kullegg rikorrenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-kullegg rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elf sitt mija u sitta u tmenin ewro (€1,686.00);
2. Jordna lill-intimat sabiex ihallas lill-Kullegg rikorrenti l-imsemmi ammont elf sitt mija u sitta u tmenin ewro (€1,686.00);

Bl-ispejjez gudizzjarji, u extra-gudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, u bl-imghaxijiet legali mad-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13;

Ghal kull buon fini qed tigi annessa traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tenut kont tal-fatt li l-intimat mhuwiex ta' nazzjonalita Maltija u lis-socjeta' attrici jirrizultaha li huwa mhuwiex familjari mal-Lingwa Maltija.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fis-17 ta' Settembru, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-intimat kien hallas l-ammont allegat bhala debitur mill-kullegg attrici fil-5 ta' Dicembru, 2014;
3. Illi l-intimat ghandu fil-pusses tieghu rcevuta originali illi tindika li tali pagament kien sar.

Il-kawza infethet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' elf sitt mija u sitta u tmenin ewro (€1,686.00). Il-konvenut min-naha tieghu qal illi hu hallas dak kollu li kellu

jhallas u taghhom ghandu ricevuta. L-iskola attrici spjegat illi l-konvenut kellu jhallas tliet elef tmien mija u tnejn u tmenin ewro li minnhom attwalment naqqas elf sitt mija u sitta u tmenin ewro (€1,686.00) li taghhom kellu ricevuta diga. Il-Kullegg tispjega illi din l-ircevuta harget bi zball peress illi l-pagament kien sar minn xi haddiehor permess ta' l-internet.

Fix-xhieda tieghu in kontro ezami Sandro Bruno qal illi dan huwa zball min-naha tieghu peress illi l-konvenut ma hallasx l-ammont ta' elf sitt mija u sitta u tmenin ewro (€1,686.00) u rcieva ricevuta taghhom. Dan huwa zball ghaliex fl-ircevuta hemm imniezel li thallas bl-internet.

Meta t-Tribunal talab spjega dwar kif jitnizlu l-metodu ta' pagament intqal dan isir manwalment u ghalhekk huwa suggett ghal zball kif saru diversi zbalji ohra min-naha tal-Kullegg.

Fil-fehma tat-Tribunal kellu jkun il-Kullegg illi tressaq evidenza illi l-konvenut ma hallasx permezz ta' cash. Huwa inutli li l-Kullegg jghid illi ghamlet zball u hlas ta' persuna ohra harget ricevuta fuq il-konvenut. Trid tipprova illi ma rcivietx cash f'dik il-gurnata minghand il-konvenut. Dan l-iskola ma setghatx taghmlu anki mix-xhieda ta' Trisha Caruana hareg illi fuq dak ma tistax titkellem izda wara qat ma sabet cash nieqsa. Dan ma jfissirx illi l-cash gie ccekjat fil-5 ta' Dicembru, 2014 u instab nieqes l-ammont li l-konvenut qed jghid illi hallas.

Il-konvenut ipprezenta wkoll document fejn juri illi gibed l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) mill-kont tieghu tal-gurnata illi allega li hallas.

Fid-dawl ta' dan u fin-nuqqa ta' prova da part ital-iskola illi l-konvenut ma hallasx u da part ital-prova li pprezenta l-konvenut ta' ricevuta fejn ra l-hlas. It-Tribunal ma jilqax it-talba tal-Kullegg attur u jichad it-talba filwaqt illi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-Kullegg St' Edwrads' College.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**